QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA’ NHAR L-ERBGHA 5 TA’ SETTEMBRU 2001

Avviz Nru: 227/01

Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha John Amato Gauci sija bil-polza u sija bil-ligi

Vs

Joseph Azzopardi

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba mija u disgha u tmenin lira u tmienja u tletin centezmu (Lm489.38,0) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta’ periti nominandi, rappresentanti danni sofferti minnha fl-incidenti awtomobilistiku tas-7 ta’ Marzu 2000 fi Triq San Vincenz, Sliema bejn il-vettura numru EAF 676 misjuqa minnhu u l-vettura numru AAN 468 misjuqa minn u proprjeta tal-assikurat John Amato Gauci, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b’tort unikament tieghu minhabba traskuragini, imperizja u ;nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Jannar 2001 u tal-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici tieghu u LM5 tal-konsult kontra l-konvenut li gie  ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba  attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma, u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa t-talba attrici prevja li tiddikjara illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghal kollizzjoni in kwistjoni qieghda tikkundannah ihallas lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' erba mija u disgha u tmenin lira u tmienja u tletin centezmu (Lm489.38,0) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg